MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 74/2007

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratrici Legali Doreen Aquilina nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru t' Ghawdex fis-26 ta' Ottubru 1999 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal – D li twieldet fl-14 ta' April 2000 u E li twieled fis-16 ta' Settembru 2001.

Illi dan iz-zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bhala Att bin-numru progressiv142 ta' l-1999 (Dokument A).

Illi l-attrici twieldet fit-2 ta’ Jannar 1982, u allura zzewget meta hija kellha biss 17-il sena, u qabel izzewgu l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ghal ftit xhur biss;

Illi l-genituri ta’ l-attrici mhux biss tawha l-kunsens taghhom biex tizzewweg billi ffirmawlha, izda missier l-attrici sahansitra riedha tizzewweg bilfors ghaliex l-attrici nqabdet tqila mill-konvenut.

Illi l-konvenut huwa mir-Repubblika tal-Guinea u meta x’ fi zmien matul is-sena 1999 kuwa safa bla visa valida, huwa kellu jitlaq minn Malta.

Illi l-konvenut rega’ gie Malta ftit wara u sarulu arrangamenti specjali sabiex ikun jista’ jakkwista visa temporanja u jkun jista’ jirregistra ruhu ma’ tim tal-futbol f’ Ghawdex.

Illi fic-cirkostanzi l-kontendenti qablu li kellhom jizzewgu malajr sabiex il-konvenut ikun jista’ jibqa’ Malta regolarment; din id-decizjoni giet imsahha mir-rieda ta’ missier l-attrici li riedhom jizzewgu qabel ma bintu twelled. B’ dan iz-zwieg il-konvenut seta’ jakkwista cittadinanza Maltija.

Illi dan il-kaz deher fuq il-gurnali lokali u qajjem kontroversja (Ara dokument B), wara liema kaz sar tibdil fil-ligi fis-sens illi meta persuna barranija tizzewweg persuna Maltija ma baqghetx takkwista cittadinanza Maltija awtomatikament u immedjatament.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat f’ Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb bi vjolenza fizika jew morali, jew b’ biza’.

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi ai termini ta' Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Ottubru 1999 u registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru ta' iskrizzjoni 142/1999 huwa null u minghajr effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew:

1. Illi f' dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz.

2. Illi ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mar-rapprezentant taghhom, u f' dan ir-rigward ir-rikorrenti ghandha tghaddi lill-esponenti kull indirizz li hija jista' ghandha tal-assenti C B.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg

taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fis-26 ta' Ottubru 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fis-26 ta' Ottubru 1999 meta allura, l-attrici, cittadina Maltija, kellha 17- il sena u l-konvenut, allura cittadin Guinean, kellu 19- il sena, u wara li l-attrici kienet diga' tqila bl-ewwel wild taghhom. Sussegwenti ghaz-zwieg twieldet it-tarbija fl-14 ta' April 2000, u wara twieldet tarbija ohra fis-16 ta' Settembru 2001.

Illi l-attrici tispjegali hija kienet iltaqet mal-konvenut f' Dicembru 1998 u eventwalment bdiet tohrog mieghu. F' dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala footballer ma' club lokali u kien jaqla' circa Lm700 fix-xahar. F' Gunju tas-sena 1999 il-konvenut irriskontra problemi dwar is-soggjorn tieghu f' Malta u kien inghata parir biex jizzewweg maltija biex ikun jista' jakkwista c-cittadinanza f' Malta. L-attrici minn naha taghha kienet iffissata fuqhu u ghalhekk accettat li tizzewwgu biex tissolva din il-problema kif ukoll sabiex it-tarbija taghhom titwieled fiz-zwieg. Konsegwentement fis-26 ta' Ottubru 1999 il-partijiet izzewwgu civilment u mhux bir-rit regligjuz, peress li l-konvenut kien musulman. Ma saru ebda cerimonji jew preparament ghal dan iz-zwieg, u l-attrici tikkonferma li sar f' dak iz-zmien meta hija ghad kellha 17- il sena sabiex tissolva l-problema tal-konvenut, kif ukoll minhabba t-tarbija.

L-attrici tirrakkonta li matul il-konvivenza matrimonjali taghhom il-konvenut kien possessiv u ghajjur u wkoll, nonostante li kellu introitu mensili tajjeb, huwa lill-attrici kien jghatiha biss Lm50 fix-xahar biex tmantni l-familja.

F' April 2000 l-konvivenza matrimonjali kompliet tiddigenera principalment peress li l-konvenut kien juri nsensittivita' kbira u grad ta' egoizmu fil-konfront ta' martu kif deskritt fl-affidavit taghha. Sussegwentement il-konvenut sofra griehi bir-rizultat li ma setghax ikompli

jilaghab il-football, u beda jirrifjuta li jaccetta xoghol iehor, b' hekk il-partijiet sfaw minghajr introitu u f' Dicembru 2001 peress li kienu bla flus kienu kostretti jmorru jghixu mal-genituri taghha. F' Gunju 2002 il-konvenut telaq mid-dar u sakemm dam barra qatt ma baghat flus lill-attrici biex jikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg uliedhom. Sussegwentement il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, u, ghalkemm huwa kien obbligat jghaddi manteniment ghaz-zewg uliedhom, huwa "qatt ma ghaddhieli centezmu." Sussegwentement telaq minn Malta u l-attrici tilfet kull kuntatt mieghu, u mhijex fil-posizzjoni li tirrintraccjah.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed u taghtiha affidament.

Mill-kwadru tal-fatti li ddelinea ruhhu mill-provi l-Qorti tirravisa fil-konfront tal-konvenut nuqqas serju ta' maturita' affettiva li vvizjat il-kunsens matrimonjali tieghu fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

In propositu ghal dan l-aspett tal-caput nullitatis fuq indikat, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006*].

Fil-kaz in disamina l-mod kif, mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien jittratta lil martu, li mill-provi jirrizulta car li hu kien izzewweg fl-iskop uniku li jkun jista' jibqa' jghix f' Malta, huwa evidenza manifesta ta' bniedem egoist priv minn sentimenti affettivi adegwati. L-uniku ghan tieghu kien li jitlaq minn pajjizju, u l-attrici ghalih kienet biss mezz sabiex, jinqeda fil-bzonnijiet tieghu, u jilhaq l-ghanijiet tieghu li ma kienux dawk li jighix il-konvivenza matrimonjali ma' l-attrici, diretta lejn il-

benessere reciproku. Fi kliem iehor il-konvenut kien affett minn inkapaci psikika li jaghraf id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali u l-immaturita' affettiva da parti tieghu kienet tali li eliminat il-kunsens liberu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Huwa kien priv b' mod sostanzjali, minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effetti fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fis-26 ta' Ottubru 1999, fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu 19[1] tal-Kap.255. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti,izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------